MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 1717/2001/1

**Stefan Attard**

**vs**

**Sindku u Segretarju Ezekuttiv ghan-nom u *in rapprezentanza* tal-Kunsill Lokali tal-Fgura**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-attur fit-30 ta' Ottubru, 2001, li *in forza* taghha, wara li ecepixxa illi:

B'kuntratt ta' impieg ghal zmien definit li beda fit-2 ta' Ottubru, 2000 l-attur kien impjegat bhala skrivan mal-konvenuti.

Fit-22 ta' Mejju, 2001 l-attur safa' mkecci minghajr raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi.

Ghalhekk il-konvenuti ghandhom jikkumpensaw lill-attur f'ammont ekwivalenti ghal nofs il-paga li kien jaqla' fil-perjodu li ma skadiex il-kuntratt, circa hamest'elef u mitejn lira Maltin (Lm5,200).

Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1) Jigu ddikjarati illi keccew lill-attur minghajr raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi.

2) Jigu kkundannati jhallsu lill-attur dik is-somma li tigi llikwidata ekwivalenti ghal nofs il-paga li kien jaqla' fil-perjodu mhux skadut tal-impjieg tieghu.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuti mharrkin minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kunsill konvenut li *in forza* taghha ecepixxa illi:

1. It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur peress li l-impieg ta' l-attur gie terminat ghal raguni tajba u sufficjenti skond l-artikolu 34 (14) ta' l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg (Kap. 135 tal-Ligijiet ta' Malta) u skond l-istess artikolu l-ebda ammont ma huwa dovut lill-attur.

2. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-16 ta' Ottubru, 2003, li *in forza* tieghu inhatret l-Assistenta Gudizzjarja ta' din il-Qorti sabiex tisma' l-provi li ressqu l-partijiet;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda mismugha mill-Assistenta Gudizzjarja;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li, f'din il-kawza, l-attur gie impjegat bhala skrivan mal-Kunsill Lokali tal-Fgura u dan bis-sahha ta' kuntratt definit ghal-3 snin mit-2 ta' Ottubru, 2000; skond l-istess kuntratt, l-ewwel sitt xhur ta' impieg kien impieg bi prova. L-attur kellu kuntratt ta' impieg li jaghlaq fit-2 ta' Ottubru, 2003, izda gie mkecci fit-22 ta' Mejju, 2001, jigifieri sentejn, erba xhur u ghaxar tijiem qabel l-gheluq tal-kuntratt. L-attur qed jitlob kumpens ghal din it-tkeccija ekwivalenti ghal-nofs il-paga li kien jaqla matul il-perjodu rimanenti tal-kuntratt; il-kunsill konvenut jsostni li ebda kumpens ma hu dovut peress li t-terminazzjoni tal-impieg kienet ghar-raguni gusta.

Darba jirrizulta kuntratt ta' impieg definit, u li bhala fatt, l-impieg tal-attur gie terminat qabel iz-zmien miftiehem, il-hlasijiet li tikkontempla l-ligi industrijali jridu jsiru u dan sakemm l-*employer* ma jippruvax li kellu ragunijiet validi biex itemm l-impieg ta' dak l-impjegat; l-oneru tal-prova ta' kawza gusta ghat-terminazzjoni ta' l-impieg hi, ghalhekk, mixhuta fuq min ihaddem.

Mill-provi jirrizulta li t-tkeccija tal-attur kienet rizultat ta' hafna nuqqasijiet li gew rilevati mill-Kunsill Lokali konvenut. Jinghad li l-attur ma kellux atteggjament tajjeb mal-pubbliku; kien jghadihom biz-zmien u fuq it-telefon gieli wkoll jghadihom biz-zuffjet. Meta lill-attur ingibditlu l-attenzjoni ghal dan l-atteggjament tieghu, hu beda jwiegeb it-telefon b'formalita' zejda u introduzzjonijiet twal. Persuna li jkollha kuntatt regolari mal-pubbliku, trid turi *good customer relations*, u la tadatta attitudini ta' zufjet u lanqas ta' formalizmu zejjed. Nies li jersqu ghand kunsill hafna drabi jersqu hemm b'xi ilment, u jkunu irrabbjati u

jadottaw ton ta’ konfrontazzjoni, izda l-attur, donnu, ma kellux il-minimu ta’ prudenza, u minn kien jghajjat fil-lokal, kien jghajjat lura mieghu, u kien ukoll jadotta attitudini li ma kienitx isservi biex tikallma lill-dak li jkun.

Il-Qorti hadet impressjoni li l-attur hu bniedem intelligenti, *pero’*, fl-istess hin, rasu kbira u minfuh bil-kapacitajiet tieghu.  Dan johrog mid-drabi li kien jirrepeti mal-*istaff* kemm hu bravu f’xogholu, u bil-mod traskurat li bih kien imexxi xogholu.  Kienet persuna li tant *“ikollha x’taghmel”*, li qatt ma tlahaq tlesti dak li tibda; shabu jirrakontaw kif l-iskrivanija tieghu dejjem mimlija karti u *files* u xejn ma kien ikun f’postu.  L-attur kien jibda jaghmel xi haga, u jaqbad xi haga ohra minghajr ma jlestiha, b’rizultat li kien ihalli hafna *loose ends*.  Mhux l-ewwel darba li *vouchers*, *deposit slips* u dokumenti ohra, kienu jinsabu jigru u mhux f’posthom.  Fil-fehma tal-Qorti, bniedem li jghid li tant ghandu x’jaghmel li ma jilhaqx ilesti xejn sew, huwa bniedem traskurat u li mhux kapaci jorganizza lilu nnifsu biex ix-xoghol iwettqu skond pjan u b’sistema.  Fil-fatt, jirrizulta li kien hemm minn qallu biex jorganizza lilu nnifsu ahjar, izda, milli jidher, kien ihossu wisq importanti biex jorganizza ruhu!

Instab ukoll li ghalkemm kellu kaxxa fejn kellu jpoggi l-flus li jdahhal il-Kunsill, kien ihalli l-flus jigru, u jpoggihom jew fil-but tieghu stess, jew jigru fuq l-iskrivanija jew taht il-*mouse* tal-*computer* tieghu.  L-attur kellu xoghol ta’ responsabilita’ u kellu jadixxi b’responsabilita’ u mhux kif gie gie.

Jirrizulta wkoll nuqqasijiet ohra da parti tal-attur.  Darba kellu jftah u jzomm l-ufficcju miftuh, *pero’*, zamm l-istess maghluq ghal-hinijiet twal.  F’okkazzjonijiet ohra kien dam ma ipprocessa *cheque*, li intbghat bhala hlas ghal-kontravenzjoni, bir-rizultat li l-persuna relattiva giet mitluba thallas penali addizzjonali meta dina ma kienetx dovuta. Notamenti fuq ilmenti li kien jircievi mill-pubbliku, mhux kollha kienu jigu ipprocessati mill-attur, u gieli instabu uhud mimmhom jigru ‘l hawn u ‘l hinn.  Kien anke abbuza bis-sahra, ghax ma kienx jitlob l-awtorizazzjoni biex jaghmel dan, izda fil-waqt li kien jaghti x’jifhem li hu

bniedem biezel tant li anke kien joqghod fl-ufficcju wara l-hin, fil-verita', wara, kien talab hlas ghax-xoghol bis-sahra li kien ghamel, meta ma kienx awtorizzat fuq hekk.

Il-Kunsill ukoll kien jqabbad kuntratturi jaghmlu xi xoghol fil-lokal, izda jidher li hawn ukoll l-attur ma kienx jimxi bil-mod dilligenti f'dak li jirrigwarda l-hlasijiet dovuti. Il-*vouchers* u c-*cheques* ma kienux jinhargu bl-istess data, hafna *vouchers* ma kienux jigu iffaljati f'waqthom, u mhux dejjem kien isir rekordjar sew tal-hlas li jsir. Is-Sur Lawrence Cauchi, awditur imqabbad mill-Kunsill biex jivverifika l-*accounts*, sab li hafna *vouchers* kienu, fil-fatt, iffaljati hazin, kontijiet li kienu ma idahhlux fil-kotba, u *vouchers* li kellhom id-dati taghhom ikkoreguti bil-lapes. Jirrizulta ukoll li meta l-attur kien gie mitlub jaghmel rapport ta' *reconciliation* fuq id-depoziti li jsiru fil-*bank*, ir-rapport ma kienx jista' jigi miftiehem, u kien hemm hafna figuri inspjegabbli, li deheru wkoll f'rapporti precedenti. Is-Segretarju Ezekuttiv, wara li anke sab li mhux il-*files* kollha kienu fl-ufficcju fejn suppost kellhom ikunu, insista mal-attur li jiehu zmien *leave*, u dan biex hu jkun jista' jikonkludi r-rapport minghajr tfixkil li kien ikollu mill-attur.

Jirrizulta wkoll mix-xhieda tas-Sur Cauchi, li l-attur kien ghamel hafna zbalji fil-manegjar tas-Sistema tal-Infurzar tal-Ligi (LES). Il-Kunsill, bhal kull kunsill iehor, kien jircievi flus imhallsa ghal-kontravenzjonijiet li jsiru f'kull lokalita' f'Malta. Il-flus jidahhlu f'*Central Account*, u wara jinhareg *cheque* tal-ammonti dovuti lill-kunsill fejn sehhet il-kontravenzjoni. Irrizulta li dan il-*Central Account* ma kienx qed jaqbel mal-kotba tal-*Bank.* Fl-investigazzjoni li ghamel is-Sur Cauchi irrizulta li d-diskrepanzi kienu rizultat ta' allokazzjoni hazina ta' ammont dovut lill-kunsilli ohra, immarkar ta' ricevuti ma' citazzjonijiet li ma kienux jaqblu, kif ukoll entraturi hziena fil-kotba. Ghal dan ix-xoghol kien responsabbli l-attur. Is-Sur Cauchi ezamina l-kotba mizmuma mill-attur u ikkonkluda li *"min kien qed jentra l-informazzjoni ma kienx konsistenti u prudenti bil-mod li tratta l-entries fil-kotba"*. Dan ikompli jikkonferma l-mod legger u traskurat li bih l-attur kien iwettaq id-doveri tieghu. Dan l-istharrig tekniku li wettaq is-Sur Cauchi ma giex kontrastat, u ghal-persuna li tghid li tifhem hafna fl-

*accounts*, ma hux mistenni li jwassal ghal-daqs tant zbalji u diskrepanzi.

L-attur jiddefendi ruhu billi jghid li hu ma inghatax *training* ghax-xoghol li kellu jaghmel.  Hu ikkonfermat li l-attur inghata *training on the job*, izda, ghalkemm zbalji fil-bidu kellhom u, fil-fatt, gew tollerati, ma jirrizultax li l-attur tghallem tul iz-zmien li dam hemm.  Il-Kunsill kien kemm-il darba verbalment jigbed l-attenzjoni tal-attur ghal xi nuqqasijiet tieghu, izda ma jidhirx li saret xi bidla minnu fl-attitudini tieghu lejn xogholu.  *Inoltre*, hu inghata l-impieg minhabba t-taghlim li kellu fl-*accounts*, u ghal dak it-tip ta' xoghol, ma kellux bzonn *"training"*, izda xorta wahda, kif ikkonferma s-Sur Cauchi ma wriex profisjenza fit-twettiq tal-mistjir tieghu.

L-attur gie impjegat u inghata l-kariga li jiehu hsieb l-*accounts* tal-Kunsill Lokali; ghat-taghlim li jghid li kellu, ma kellux idum wisq biex jidhra s-sistema tal-Kunsill. Jirrizulta, *pero'*, hu baqa' jaghmel zbalji u jagixxi b'mod li ried hu tul iz-zmien kollu li dam fl-impieg, u ma jirizultax li qatt adatta ruhu ghx-xoghol li kien mehtieg u li kien rikjest minnu.

L-attur ilmenta wkoll li hu ma kienx inghata *warnings* ufficcjali qabel ma tkecca.  Ghalkemm hu desiderabbli li haddiem jinghata *written warnings* qabel ma jittiehdu kontrih passi dixxiplinari ulterjuri, u jirrizulta li ittra f'dan is-sens kien hemm wahda biss, *pero'*, verbalment, l-attur kien imwissi diversi drabi mis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill.  Dawn, ghal-ewwel, ippruvaw jiehduh bil-kelma t-tajba, izda ma jirizultax li dan kellu ir-rizultat mixtieq.  Jirrizulta wkoll li meta l-kaz tal-attur kien gie diskuz mill-Kunsill, qabel ma ittiehdet l-ahhar decisjoni ta' tkeccija, hu gie mistieden biex jaghti l-veduti tieghu fir-rigward izda l-attur ma wegibx.  F'kull kaz, darba li jirrizultaw li kienu jezistu diversi cirkostanzi li, mehudin flimkien, kienu jiggustifikaw it-terminazzjoni tal-impieg tal-attur, ma jistax jinghad, kif qed jigi allegat, li l-attur tkecca minghajr raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi.

F'dan ir-rigward issir referenza ghal dak enuncjat minn din il-Qorti fil-kawza "Aquilina vs Avantech Ltd", decisa fl-4 ta' Marzu, 2004, fejn intqal is-segwenti:

*"Huwa principju ta' relazzjonijiet industrijali li persuna li tokkupa 'managerial post' trid ikollha mhux biss esperjenza u kwalifiki mehtiega, imma trid tkun taf tmur mas-superjuri taghha u mal-haddiema li jkunu tahtha. Sid ghandu aktar diskrezzjoni meta jigi biex jittermina l-impieg ta' manager milli haddiem, nghiduha hekk, fuq il-linja. In-nuqqas ta' dan ta' l-ahhar mhux dejjem jista' jkun krucjali ghal employer u l-karattru tieghu lanqas ma, generalment, ikun importanti, ghax ftit li xejn jkollu kuntatt mad-dirigenti; l-importanti li jmur tajjeb mal-haddiema shabu u jaghmel il-parti tieghu bil-galbu. Manager, min-naha l-ohra ghandu rwol importanti f'ufficcju jew fabbrika. Hu jrid juri 'a good attitude' mal-haddiema ta' thatu sabiex dawn ma jgorrux hafna fuq ix-xoghol u jrid ukoll ikollu relazzjoni tajba mad-dirigenti tal-kumpanija u jrid jirbah il-fiducja taghhom, billi juri li jaf imexxi, ghandu 'good managerial skills', u kapaci jottjeni r-rizultati li huma jkunu qed jistennew minghandu"*.

Dawn il-principji japplikaw ukoll ghal-kaz *in ezami*. L-attur kellu posizzjoni gholja fil-Kunsill, izda ma irnexxielux jinserixxi ruhu fil-*work practice* tal-Kunsill, u ma irnexxielux jirbah il-fiducja tas-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill. Kellu hafna nuqqasijiet, li jidher li huma riflessjoni tal-karattru tieghu li jhossu *"superjuri"* fuq kullhadd. L-attur ma deherx dispost li jitghallem u jsegwi prattika ta' attenzjoni u ghaqal li kien mehtieg minnu, u *kwindi* taqbel mal-Kunsill konvenut fejn qieset li t-terminazzjoni tal-impieg tal-attur kien gustifikat.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa' l-eccezzjoni tal-Kunsill konvenut u tichad it-talbiet tal-attur, bl-ispejjes tal-kawza kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------